18 ta' Lulju, 1947.

Imħallef :

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Giovanni Fenech et. *versus* Giovanni Vella et.

**Barriera tal-Gebel — Att Kummerċjali — Kompetenza.**

*Ix-xogħol ta' sfruttament ta' barriera ma hux "per sè" att kummerċjali.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi, wara li talbu li jsiru d-dikjarazzjonijiet opportuni u jingħataw il-provvedimenti neċessarji, u wara li ppremettew li huma ħadu b'inqieta minn għand il-konvenuti l-barrieri li kien hemm fl-għalqa msejħa "ta' Ġnien San Pawl", fil-kuntrada hekk ukoll imsej-

ħa 'fil-limiti ta' Birkirkara, tal-kejl ta' ċirka tmien sigħan u nofs, bil-kondizzjonijiet li huma kellhom jaqtgħu l-ġebel minn dawn il-barrieri bi spejjeż tagħhom u li l-konvenuti kellhom iġorru bil-bhejjem tagħhom il-ġebel hekk maqtugħ, u li l-prezz ta' dan il-ġebel kellu jittieħed nofs minn għand l-atturi u nofs minn għand il-konvenuti, u li l-konvenuti kellhom jitħallsu tal-pareġġ jew tat-trinka tal-faċċata l-kbira ta' kull barriera u ta' waħda miż-żewġ faċċati ż-żgħar, mentri huma kellhom jitħallsu tal-pareġġ jew trinka tar-rimanenti faċċata żgħira tal-barriera; u li wara li huma, imħabba l-mard ta' l-attur Vella. ma baqgħux jaħdmu dawk il-barrieri, il-konvenuti, b'att tan-Nutar Emmanuele Pio Debono, fil-11 ta' Mejju 1945 ċedew u ssublokaw dawk il-barrieri lil Salvatore u Giuseppe Gatt (dok. A) bil-pareġġ ta' dawna l-barrieri, mingħajr ma eċċettwaw dak li jmiss lilhom tal-barrieri li ħadmu; u li huma talbu inutilment lill-konvenut il-ħlas ta' dak il-pareġġ diversi drabi; talbu li (1) jiġi likwidat minn din l-Onorabbli Qorti ammont għall-valur jew kumpens tal-pareġġ ta' waħda minn kull żewġ faċċati ż-żgħar ta' dawk il-barrieri, li huma ħadmu; (2) il-konvenuti jiġu kundannati jħallsuhom l-ammont li jiġi hekk likwidat għal dak il-pareġġ. Bl-ispejjeż u bl-interessi legali;

*Omissis;*

Mill-provi jirriżulta li l-kontendenti ħadd minnhom ma huwa fin-negozju. Infatti l-konvenut li xehed, Giovanni Vella, u l-konvenut l-ieħor, huma burdnara, mentri l-atturi huma di professjoni baqqunara. Il-konvenut Giovanni Vella qal li ħa bi qbiela ta' £9 fis-sena l-lokalità msemmija fl-att taċ-ċitazzjoni u ftiehem ma' l-atturi li huma jaqtgħu l-ġebel........ ;

Illi minn dawn il-fattijiet il-konvenuti jridu jsostnu li "ratione materiae" ix-xogħol li kien qiegħed isir kien ta' natura kummerċjali;

Illi milli jidher, il-konvenuti qegħdin jibbażaw il-pretensjoni tagħhom fuq żewġ punti; wieħed fuq l-art. 5 (a) tal-Kodiċi tal-Kummerċ, Kap. 17 Edizzjoni Riveduta, u l-ieħor fuq il-fatt ta' l-ispekulazzjoni ta' l-assoċjazzjoni tal-kontendenti;

Illi dwar l-ewwel pont jingħad li l-ftehim bejn il-partijiet, fil-ħsieb ta' din il-Qorti, ma jidħolx taħt ebda mill-każi msemmija, għaliex ix-xogħol ta' l-isfruttament tal-barriera mhux kompra u rivendita ta' "proprjetà immobiljari", li trid

tkun magħmula b'fini ta' spekulazzjoni, u lanqas ma għandu l-karattru ta' intrapriża ta' bini. Il-mastrudaxxa li jaħdem l-aperturi mhux b'hekk kummerċjant jekk il-professjoni jew sengħa tiegħu abitwali hija dik ta' mastrudaxxa; u hekk il-baqqunier u bardnar ma humiex kummerċjanti jekk jaqlgħu l-ġebla u jżommuha għall-bini; u sabiex jistgħu jidħlu taħt it-tieni inċiż irid ikun hemm pruvat il-fatt li x-xogħol tagħhom kien effettivament dipendenti minn xi intrapriża tal-bini. Infatti, kieku ġie pruvat li l-kontendenti kellhom kuntratt ma' soċjetà edilizja, li kull ma jaqtgħu għandhom iżommuh għalihom, il-kwistjoni k'enet tkun rigwardata taħt aspett ieħor;

Illi dwar l-assoċjazzjoni jingħad illi, kieku ġiet formata soċjetà fejn il-konċessjoni tal-"cava", jew anki minjera, ikkontribwew il-post u oħrajn il-kapital, sabiex jiġu mpjegati n-nies sabiex ikun hemm l-ispekulazzjoni fuq il-"mano d'opera", ma hemmx dubju li f'dak il-każ, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, l-intrapriża kien ikollha karattru kummerċjali u merkantili, għal raġunijiet evidenti; imma meta l-isfruttament ta' minjera u kava kwalunkwe tiġi ntrapriża jew minn xi wħud mill-konċessjonarji jew minn xi nies li jilbsu l-libsa tagħhom flimkien magħhom, u jkun hemm biss rijunjoni, jew aħjar unjoni, tax-xogħol materjali sabiex jiġu avanzati u avvantaġġjati l-interessi tagħhom partikulari ("sabiex naqilgħu x'nieklu", qal fix-xhieda tiegħu Ganni Vella), dana l-fatt ma jikkostitwix żgur materja kummerċjali (ara f'dan is-sens Mantelli, Giurisprudenza del Codice di Commercio, Vol. II, kolonna 649, in re "Acquarene vs. Berlingeri"). Jingħad ukoll li x-xogħol effettivament kien qiegħed isir taħt is-sorveljanza u akkont, sija pure in parti, ta' l-istess konċessjonarji, u f'dawn il-każi l-operazzjoni mhix kunsidrata kummerċjali (ara Sirey 28, 1, 418; u Codice di Commercio per cura di un avvocato toscano con note tratte dalle disposizioni legislative, e Massime della Giurisprudenza Francese, Firenze, Le Maurier, 1844, articolo 432, sentenza no. 9);

Fl-aħħarnett jingħad li ġie anki deċiż analoġikament li biex il-koltivazzjoni ta' minjera tkun att kummerċjali, hemm bżonn li tkun ġiet intrapriża minn soċjetà kummerċjali (ara Annali, Kassazzjoni Torin, 10 ta' Awissu 1867, Volume I, Parte I, sez. 1, paġ. 349);

Illi anki l-Qrati Tagħna ġie li rritenew, bħal ma taħseb din il-Qorti, li "per sè" l-isfruttament tal-barriera mhux att kummerċjali (ara Kummerċ, 28 ta' April 1932, in re "Camilleri vs. Borg");

Illi dina l-Qorti, sabiex jissaħħaħ l-argument tagħha, tgħid li tant ma kienx hemm kummerċjalità fl-att, li tant il-qbiela kemm l-ispiża tat-trinkatur, rispettivament imħallsa mill-konvenuti u l-atturi, lanqas kienu jinqatgħu mill-*prezz* tal-ġebla mibjugħa—dak li juri li bejniethom kien hemm unjoni biss ta' snajja' u mhux spekulazzjoni kummerċjali; u dan apparti l-kwistjoni tal-pareġġi, li skond l-attur kellhom *jinqasmu* b'ċertu mod u skond il-konvenuti ma kellhomx ħlief jibqgħu skond l-użu;

Għal dawn ir-raġunijiet taqta' u tiddeċidi billi *tiddikjara* l-kawża ta' kompetenza ta' dina l-Qorti, u konsegwentement tiċħad l-eċċezzjoni konvenuta, bl-ispejjeż ta' dina d-deċiżjoni kontra l-konvenuti. U tirrimetti l-kawża għas-smiegħ tagħha l-lum stess.